# Linji Gwida

## Linji Gwida dwar il-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni skont ir-Regolament dwar id-distribuzzjoni transfruntiera ta' fondi

02/08/2021 | ESMA34-45-1272 MT

# Werrej


1 Kamp ta’ applikazzjoni ....................................................................................2

2 Għan ....................................................................................................3

3 Obbligi ta’ konformità u rapportar.........................................................4

3.1 Status tal-linji gwida ........................................................................4

3.2 Obbligi ta’ rapportar ........................................................................4

4 Linji Gwida dwar l-identifikazzjoni bħala tali tal-komunikazzjonijiet ta’ kummerċjalizzazzjoni ....................................................................................4

5 Linji Gwida dwar id-deskrizzjoni tar-riskji u tal-gwadanji b’mod ugwalment prominenti ....5

6 Linji Gwida dwar il-karattru ġust, ċar u mhux qarrieqi tal-komunikazzjonijiet ta’ kummerċjalizzazzjoni ....................................................................................6

6.1 Rekwiżiti ġenerali ............................................................................6

6.2 Informazzjoni dwar ir-riskji u l-gwadanji .........................................9

6.3 Informazzjoni dwar l-ispejjeż...........................................................10

6.4 Informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-passat u l-prestazzjoni futura mistennija.......10

6.5 Informazzjoni dwar aspetti relatati mas-sostenibbiltà ..........................................12

# 1 Kamp ta' applikazzjoni

**Min?**

Dawn il-linji gwida japplikaw għal kumpaniji maniġerjali tal-UCITS, inkluż kwalunkwe UCITS li ma tkunx ħatret kumpanija maniġerjali tal-UCITS, Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattiv, maniġers ta' EuVECA u maniġers ta' EuSEF.

**Xiex?**

Il-Linji gwida għandhom japplikaw għall-komunikazzjonijiet kollha ta' kummerċjalizzazzjoni indirizzati lil investituri jew lil investituri potenzjali għal UCITS u AIFs, inkluż meta jkunu stabbiliti bħala EuVECAs, EuSEFs, ELTIFs u MMFs. Eżempji ta' dokumenti li jistgħu jitqiesu bħala komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni jinkludu, *inter alia*:

a) Il-messaġġi kollha li jirreklamaw għal UCITS jew AIF, irrispettivament mill-mezz, inklużi dokumenti stampati fuq karta jew informazzjoni magħmula disponibbli f'format elettroniku, artikli għall-istampa, stqarrijiet għall-istampa, intervisti, riklami, dokumenti magħmula disponibbli fuq l-internet, kif ukoll paġni web, preżentazzjonijiet bil-vidjo, preżentazzjonijiet diretti, messaġġi bir-radju jew skedi informattivi.

b) Messaġġi mxandra fuq kwalunkwe pjattaforma tal-midja soċjali, meta tali messaġġi jirreferu għal kwalunkwe karatteristika ta' UCITS jew AIF, inkluż l-isem tal-UCITS jew l-AIF. Għall-fini ta' dawn il-linji gwida, it-terminu "midja soċjali" għandu jinftiehem bħala kwalunkwe teknoloġija li tippermetti l-interazzjoni soċjali u l-ħolqien ta' kontenut kollaborattiv online, bħal blogs u networks soċjali (Twitter, LinkedIn, Facebook, Instagram, Tiktok, Youtube, Discord, eċċ.) jew fora ta' diskussjoni, aċċessibbli bi kwalunkwe mezz (b'mod partikolari mezzi elettroniċi, pereżempju permezz ta' kompjuter jew applikazzjonijiet mobbli).

c) Il-materjal ta' kummerċjalizzazzjoni indirizzat b'mod individwali lil investituri jew investituri potenzjali, kif ukoll id-dokumenti jew il-preżentazzjonijiet magħmula disponibbli minn kumpanija maniġerjali tal-UCITS, AIFM, maniġer ta' EuVECA jew maniġer ta' EuSEF lill-pubbliku fuq is-sit web tagħhom jew fi kwalunkwe post ieħor (uffiċċju reġistrat tal-maniġer tal-fond, uffiċċju tad-distributur, eċċ.).

d) Il-komunikazzjonijiet li jirreklamaw UCITS jew AIF indirizzati lil investituri jew investituri potenzjali li jinsabu kemm fl-Istat Membru tad-domiċilju tal-maniġer tal-fond jew fi Stat Membru ospitanti.

e) Il-komunikazzjonijiet minn parti terza u użati minn kumpanija maniġerjali tal-UCITS, AIFM, maniġer ta' EuVECA, jew maniġer ta' EuSEF għal skopijiet ta' kummerċjalizzazzjoni.

Eżempji ta' komunikazzjonijiet li ma għandhomx jitqiesu bħala komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni jinkludu, *inter alia*:

a) Dokumenti/informazzjoni legali u regolatorji ta’ fond, bħall-prospett jew l-informazzjoni li għandha tiġi żvelata lill-investituri f’konformità mal-Artikolu 23 tad-Direttiva 2011/61/UE, l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 345/2013 jew l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 346/2013, il-KIID u/jew il-KID, ir-rapporti annwali u ta’ kull sitt xhur ta’ UCITS jew AIF, il-Memorandum u l-Istatut ta’ Assoċjazzjoni, id-Digrieti, il-Kuntratti ta’ Fiduċja jew dokumenti simili meħtieġa biex legalment jiġi stabbilit fond, jew avviż għal Laqgħa Ġenerali tal-azzjonisti/tat-titolari ta’ unitajiet.

b) Il-komunikazzjonijiet korporattivi mxandra mill-maniġer ta’ fond li jiddeskrivu l-attivitajiet tiegħu jew xi żviluppi reċenti fis-suq – bħall-iżvelar tal-qligħ trimestrali jew ta’ kull sitt xhur, avviżi ta’ dividendi, avviżi organizzazzjonali jew tibdil fil-maniġment superjuri –li ma jirreferux għal UCITS jew AIF speċifika jew grupp ta’ UCITS jew AIFs, sakemm l-attivitajiet tal-maniġers tal-fondi ma jkunux limitati għal fond wieħed jew għal numru żgħir ta’ fondi li huma impliċitament identifikati f’tali komunikazzjoni korporattiva.

c) Messaġġi qosra mxandra online, b’mod partikolari fuq pjattaformi tal-midja soċjali (eż. Twitter, LinkedIn, Facebook, Instagram, Tiktok, Youtube, Discord eċċ.), li jinkludu biss link għal paġna web fejn hemm disponibbli komunikazzjoni ta’ kummerċjalizzazzjoni, iżda li ma jkun fihom l-ebda informazzjoni dwar AIF, UCITS jew grupp ta’ AIFs jew UCITS speċifiku.

d) Informazzjoni jew komunikazzjoni maħruġa fil-kuntest tal-pre-kummerċjalizzazzjoni, kif definit fl-Artikolu 4(1)(aea) tad-Direttiva 2011/61/UE;

**Meta?**

Dawn il-linji gwida japplikaw sitt xhur wara d-data tal-pubblikazzjoni tal-linji gwida fuq is-sit web tal-ESMA fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE.

# 2 Għan

1. Kif speċifikat fl-Artikolu 4(6) tar-Regolament[1], l-għan ta’ dawn il-linji gwida huwa li jispeċifikaw l-applikazzjoni tar-rekwiżiti għall-komunikazzjonijiet ta’ kummerċjalizzazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament. B’mod partikolari dawn jistabbilixxu prinċipji komuni dwar l-identifikazzjoni bħala tali tal-komunikazzjonijiet ta’ kummerċjalizzazzjoni, id-deskrizzjoni tar-riskji u tal-gwadanji tax-xiri ta’ unitajiet jew ishma ta’ AIF jew unitajiet ta’ UCITS b’mod ugwalment prominenti, u l-karattru ġust, ċar u mhux qarrieqi tal-komunikazzjonijiet ta’ kummerċjalizzazzjoni, waqt li jikkunsidraw aspetti online ta’ tali komunikazzjonijiet ta’ kummerċjalizzazzjoni. Madankollu, il-Linji Gwida ma għandhomx l-intenzjoni li jissostitwixxu r-rekwiżiti nazzjonali eżistenti dwar l-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fil-komunikazzjonijiet ta’ kummerċjalizzazzjoni (bħal dawk relatati mal-indirizzar fiskali tal-investiment fil-fond promoss) sa fejn dawn ikunu kompatibbli ma’ kwalunkwe regola armonizzata eżistenti tal-UE (eż. ir-regoli dwar l-iżvelar ta’ spejjeż jew il-prestazzjoni

[1] Regolament (UE) 2019/1156 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Ġunju 2019 dwar l-iffaċilitar tad-distribuzzjoni transfruntiera tal-impriżi ta’ investiment kollettiv u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 345/2013, (UE) Nru 346/2013 u (UE) Nru 1286/2014.

fil-KIID ma għandhomx jiġu kontradetti jew imnaqqsa minn rekwiżiti ta' żvelar nazzjonali differenti fir-rigward tal-ispejjeż jew il-prestazzjoni f'komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni).

2. F'konformità mal-Artikolu 4(6) tar-Regolament, dawn il-linji gwida se jiġu aġġornati minn żmien għal żmien.

# 3 Obbligi ta' konformità u rapportar

## 3.1 Status tal-linji gwida

3. Dan id-dokument jinkludi l-linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament tal-ESMA[2]. F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-ESMA, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-parteċipanti fis-swieq finanzjarji jridu jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet.

## 3.2 Obbligi ta' rapportar

4. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li għalihom japplikaw dawn il-linji gwida jridu jinnotifikaw lill-ESMA jekk jikkonformawx jew għandhomx il-ħsieb li jikkonformaw mal-linji gwida, bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, fi żmien xahrejn mid-data ta' pubblikazzjoni mill-ESMA. Fin-nuqqas ta' tweġiba sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jitqiesu bħala mhux konformi. Il-mudell għan-notifiki huwa disponibbli fuq is-sit web tal-ESMA.

# 4 Linji Gwida dwar l-identifikazzjoni bħala tali tal-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni

5. Kwalunkwe referenza għal UCITS jew AIF f'artikolu għall-istampa, reklam jew stqarrija għall-istampa fuq l-internet jew fuq kwalunkwe mezz ieħor tista' tiġi ppubblikata biss wara li l-awtorità nazzjonali kompetenti ta' domiċilju tal-fond promoss tkun tat l-approvazzjoni, fejn tali approvazzjoni tkun meħtieġa għall-kummerċjalizzazzjoni, u, jekk applikabbli, il-kumpanija maniġerjali tal-UCITS, l-AIFM, il-maniġer tal-EuSEF jew il-maniġer tal-EuVECA jkunu rċevew notifika li jistgħu jikkummerċjalizzaw il-fond promoss fl-Istat Membru ospitanti fil-mira.

6. Ir-rekwiżit biex il-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni jkunu identifikabbli bħala tali għandu jimplika li l-komunikazzjonijiet kollha ta' kummerċjalizzazzjoni jinkludu informazzjoni suffiċjenti biex tagħmilha ċara li l-komunikazzjoni għandha skop purament ta' kummerċjalizzazzjoni, mhix dokument kuntrattwalment vinkolanti jew dokument ta' informazzjoni meħtieġ minn kwalunkwe dispożizzjoni leġiżlattiva, u mhux biżżejjed biex tittieħed deċiżjoni ta' investiment. F'dan il-kuntest, il-komunikazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni għandha titqies li hija identifikata bħala tali meta tinkludi żvelar

[2] Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq).

prominenti tat-termini "*komunikazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni*" (anke meta preċeduta mis-simbolu # meta l-użu ta' dak is-simbolu jaċċentwa t-test li jippreċedi fil-każ ta' komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni online), b'tali mod li kwalunkwe persuna li qed tħares lejha, jew li qed tismagħha, tista' tidentifikaha bħala komunikazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni.

7. Barra minn hekk, il-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni għandhom jinkludu ċaħda ta' responsabbiltà bħal din li ġejja:

   "*Din hija komunikazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni. Jekk jogħġbok irreferi għall-[prospett tal-[UCITS/ AIF/EuSEF/EuVECA]/id-Dokument ta' informazzjoni tal-[AIF/EuSEF/EuVECA] u għall-[KIID/KID](ħassar kif applikabbli)] qabel ma tieħu kwalunkwe deċiżjoni finali dwar l-investiment.*"

8. Madankollu, meta din iċ-ċaħda ta' responsabbiltà ma tkunx adattata għall-format u t-tul ta' komunikazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni online, tista' tiġi sostitwita b'identifikazzjoni iqsar tal-għan tal-kummerċjalizzazzjoni tal-komunikazzjoni, bħall-kliem "Komunikazzjoni ta' Kummerċjalizzazzjoni" fil-każ ta' strixxun jew vidjos qosra li jdumu biss ftit sekondi fuq is-sit web jew il-kelma "#MarketingCommunication" għall-pjattaformi tal-midja soċjali.

9. Iċ-ċaħda ta' responsabbiltà għandha tintwera b'mod ċar fil-komunikazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni. Iċ-ċarezza għandha tiġi vvalutata b'kunsiderazzjoni għat-tip ta' komunikazzjoni: f'każ ta' preżentazzjoni bil-vidjo, iċ-ċaħda ta' responsabbiltà għandha tkun inkorporata fil-vidjo u l-wiri taċ-ċaħda ta' responsabbiltà eżatt fit-tmiem tal-vidjo m'għandux jiġi kkunsidrat xieraq.

10. Il-komunikazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni ma għandhiex titqies identifikabbli bħala tali meta jkun fiha kontroreferenza eċċessiva għal dispożizzjonijiet legali jew regolatorji sakemm dan ma jkunx xieraq (eż. referenza għad-dispożizzjonijiet ta' liġi domestika li tirregola l-funzjonament tat-tip speċifiku ta' AIF li dwaru hija l-komunikazzjoni).

# 5 Linji Gwida dwar id-deskrizzjoni tar-riskji u tal-gwadanji b'mod ugwalment prominenti

11. Meta komunikazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni tinkludi informazzjoni dwar ir-riskji u l-gwadanji, għandhom jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin.

12. Il-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni li jirreferu għal kwalunkwe benefiċċju potenzjali tax-xiri ta' unitajiet jew ishma ta' AIF jew unitajiet jew ishma ta' UCITS għandhom ikunu preċiżi u dejjem jagħtu indikazzjoni ġusta u prominenti ta' kwalunkwe riskju rilevanti. Dan l-iżvelar ugwalment prominenti tar-riskji u l-gwadanji għandu jiġi vvalutat fir-rigward kemm tal-preżentazzjoni kif ukoll tal-format ta' dawn id-deskrizzjonijiet.

13. Meta tkun qed tiġi żvelata informazzjoni dwar ir-riskji u l-gwadanji, it-tipa u d-daqs użati biex jiddeskrivu r-riskji għandhom ikunu tal-anqas ugwali għad-daqs tat-tipa predominanti użat fl-informazzjoni pprovduta, u l-pożizzjoni tagħha għandha tiżgura li tali indikazzjoni hija prominenti. L-informazzjoni dwar ir-riskji ma għandhiex tiġi żvelata f'nota f'qiegħ il-paġna jew b'karattri żgħar fil-parti prinċipali tal-komunikazzjoni. Il-preżentazzjoni tar-riskji u l-gwadanji fil-forma ta' tabella b'żewġ kolonni jew imqassra f'lista li b'mod ċar tagħmel

distinzjoni bejn ir-riskji u l-gwadanji fuq paġna waħda hija eżempju tajjeb ta' kif ir-riskji u l-gwadanji jistgħu jiġu ppreżentati b'mod ugwalment prominenti.

14. Il-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni ma għandhomx jirreferu għall-gwadanji mingħajr ma jagħmlu referenza għar-riskji. B'mod partikolari, komunikazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni ma għandhiex tiddeskrivi biss il-gwadanji u tirreferi għal dokument ieħor għad-deskrizzjoni tar-riskji.

15. Kemm ir-riskji kif ukoll il-gwadanji għandhom jissemmew jew fuq l-istess livell jew wieħed immedjatament wara l-ieħor.

# 6 Linji Gwida dwar il-karattru ġust, ċar u mhux qarrieqi tal-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni

## 6.1 Rekwiżiti ġenerali

*L-adegwatezza tal-komunikazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni għall-investituri fil-mira jew għall-investituri potenzjali*

16. Il-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni kollha, irrispettivament mill-investituri fil-mira, għandu jkun fihom informazzjoni ġusta, ċara u mhux qarrieqa. Madankollu, il-livell ta' informazzjoni u l-mod kif tiġi ppreżentata l-informazzjoni jistgħu jiġu adattati skont jekk l-investiment fil-fond promoss huwiex miftuħ għal investituri fil-livell tal-konsumatur (jiġifieri UCITS jew AIFs fil-livell tal-konsumatur), jew għal investituri professjonali biss (jiġifieri AIFs li mhumiex fil-livell tal-konsumatur). B'mod partikolari, il-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni li jippromwovu fondi miftuħa għal investituri fil-livell tal-konsumatur għandhom joqogħdu lura milli jużaw kliem tekniku eċċessiv, jipprovdu spjegazzjoni tat-terminoloġija użata, ikunu faċli biex jinqraw u, fejn rilevanti, jipprovdu spjegazzjoni adegwata dwar il-kumplessità tal-fond u r-riskji li jirriżultaw minn investiment biex jgħinu lill-investituri jifhmu l-karatteristiċi tal-fond promoss.

17. Il-komunikazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni għandha tinkiteb fil-lingwi uffiċjali, jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali, użata fil-parti tal-Istat Membru fejn il-fond huwa distribwit, jew f'lingwa oħra aċċettata mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ta' dak l-Istat Membru.

*Konsistenza ma' dokumenti oħra*

18. L-informazzjoni ppreżentata fil-komunikazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni għandha tkun konsistenti mad-dokumenti legali u regolatorji tal-fond promoss, kif applikabbli, b'mod partikolari:

    a) Il-prospett jew l-informazzjoni li għandha tiġi żvelata lill-investituri f'konformità mal-Artikolu 23 tad-Direttiva 2011/61/UE, l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 345/2013 jew l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 346/2013,

b) Id-dokumentazzjoni legali tal-fond, b'mod partikolari l-Memorandum u l-Istatut ta' Assoċjazzjoni, id-Digrieti, il-Kuntratti ta' Fiduċja jew dokumenti simili meħtieġa biex b'mod legali jiġi stabbilit ifond,

c) Il-KID jew il-KIID,

d) L-informazzjoni żvelata fuq is-siti web tal-kumpaniji maniġerjali tal-UCITS, l-AIFMs, il-maniġers tal-EuVECA u l-maniġers tal-EuSEF skont ir-Regolament (UE) 2019/2088, u

e) Ir-rapporti annwali u ta' kull sitt xhur.

19. Dan ir-rekwiżit huwa applikabbli, *inter alia*, għall-iżvelar tal-politika ta' investiment, il-perjodu ta' żamma rakkomandat, ir-riskji u l-gwadanji, l-ispejjeż, il-prestazzjoni tal-passat u dik futura mistennija, u l-aspetti relatati mas-sostenibbiltà tal-investiment.

20. Il-konsistenza bejn il-komunikazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni u d-dokumenti legali u regolatorji ma tfissirx li l-informazzjoni rilevanti kollha meħtieġa biex tittieħed deċiżjoni dwar l-investiment għandha tkun inkorporata fil-komunikazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni. Madankollu, il-kliem jew il-preżentazzjoni użati fil-komunikazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni ma għandhomx ikunu inkonsistenti ma', iżidu, inaqqsu jew jikkontradixxu kwalunkwe informazzjoni msemmija fid-dokumenti legali jew regolatorji tal-fond promoss.

21. Fejn l-indikaturi, is-simulazzjonijiet jew iċ-ċifri relatati mar-riskji u l-gwadanji, l-ispejjeż, jew ir-redditi tal-prestazzjoni tal-passat u dik futura mistennija jiġu msemmija jew żvelati fil-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni, dawn għandhom ikunu konsistenti mal-indikaturi, is-simulazzjonijiet jew iċ-ċifri użati fid-dokumenti legali u regolatorji tal-fond. Dan ifisser li l-metodoloġija u l-valur għall-komputazzjoni tal-indikaturi għandhom ikunu l-istess bħal fid-dokumenti legali u regolatorji għalkemm il-preżentazzjoni tista' tkun differenti.

*Deskrizzjoni tal-karatteristiċi tal-investiment*

22. Meta komunikazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni tiddeskrivi uħud mill-karatteristiċi tal-investiment promoss, għandhom jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin.

23. L-informazzjoni dwar il-karatteristiċi tal-investiment għandha tinżamm aġġornata.

24. L-ammont ta' informazzjoni inkluż f'komunikazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni għandu jkun proporzjonat mad-daqs u l-format tal-komunikazzjoni. Pereżempju, meta l-komunikazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni tkun stampata fuq il-karta jew f'format elettroniku, it-tipa u d-daqs tat-tipa għandhom ikunu tali li l-informazzjoni tkun tista' tinqara faċilment; jekk jintuża l-awdjo jew il-vidjo, il-veloċità tat-taħdit u l-volum tal-ħoss għandhom jagħmlu l-informazzjoni tinftiehem u tinstema' b'mod ċar.

25. Meta l-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni jiddeskrivu uħud mill-karatteristiċi tal-investiment, dawn għandu jkollhom informazzjoni suffiċjenti biex persuna tifhem l-elementi ewlenin ta' dawk il-karatteristiċi u ma għandhomx jagħmlu kontroreferenza eċċessiva għad-dokumenti legali u regolatorji tal-fond promoss.

26. Meta qed tipprovdi dettalji dwar il-karatteristiċi tal-fond promoss, il-komunikazzjoni għandha tiddeskrivi b'mod preċiż il-karatteristiċi tal-investiment promoss. Għaldaqstant, il-komunikazzjoni għandha:

a) Meta l-fond promoss ikun miftuħ għal investituri fil-livell tal-konsumatur, tagħmilha ċara li l-investiment promoss jikkonċerna l-akkwist ta' unitajiet jew ishma f'fond, u mhux f'assi sottostanti partikolari bħal bini jew ishma ta' kumpanija, peress li dawn huma biss l-assi sottostanti li huma proprjetà tal-fond.

b) Tinkludi tal-anqas deskrizzjoni qasira tal-politika ta' investiment tal-fond u spjegazzjoni dwar it-tipi ta' assi li fihom jista' jinvesti l-fond.

27. Meta l-komunikazzjoni tkun relatata mal-użu tal-ingranaġġ, irrispettivament minn kif jinkiseb l-ingranaġġ, għandha tinkludi spjegazzjoni dwar l-impatt ta' din il-karatteristika, fir-rigward tar-riskju ta' telf jew redditi potenzjali miżjuda.

28. Meta l-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni jiddeskrivu l-politika ta' investiment tal-fond promoss, sabiex jassistu fil-fehim tal-investituri, dan li ġej huwa prattika rakkomandata:

a) Fil-każ ta' fondi ta' segwiment tal-indiċi, il-kliem "passivi" jew "ġestiti b'mod passiv" għandhom jiġu inklużi flimkien mal-kliem "segwiment tal-indiċi";

b) Meta l-fond promoss ikun ġestit b'mod attiv, jintużaw b'mod espliċitu t-termini "attivi" jew "ġestiti b'mod attiv";

c) Il-fondi attivi li huma ġestiti b'referenza għal indiċi għandhom jipprovdu żvelar addizzjonali dwar l-użu tal-indiċi tal-parametru referenzjarju u jindikaw il-grad ta' libertà mill-parametru referenzjarju;

d) Il-fondi attivi li mhumiex ġestiti b'referenza għal kwalunkwe indiċi ta' parametru referenzjarju għandhom ukoll jagħmlu dan ċar lill-investituri.

29. L-informazzjoni li tinsab f'komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni għandha tiġi ppreżentata b'mod li x'aktarx tinftiehem minn membru medju tal-grupp ta' investituri li lejh tkun diretta, jew minn min x'aktarx li se jirċeviha. Meta l-komunikazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni tippromwovi fond miftuħ għall-investituri fil-livell tal-konsumatur, għandu jiġi żgurat li tkun ċara t-tifsira tat-termini kollha li jiddeskrivu l-investiment.

30. Il-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni għandhom joqogħdu lura milli jirreferu għall-isem tal-awtorità nazzjonali kompetenti b'mod li jimplika kwalunkwe approvazzjoni tal-unitajiet jew tal-ishma li huma promossi fil-komunikazzjoni mill-awtorità. B'mod partikolari, viża jew awtorizzazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni mogħtija minn awtorità nazzjonali kompetenti tista' ssir referenza għaliha f'komunikazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni, iżda ma għandhiex tintuża bħala argument għall-bejgħ.

31. Fil-każ ta' komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni qosra, bħal messaġġi fuq il-midja soċjali, il-komunikazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni għandha tkun kemm jista' jkun newtrali, għandha tindika wkoll fejn hemm aktar informazzjoni dettaljata disponibbli, b'mod partikolari bl-użu ta' link għall-paġna web rilevanti fejn ikunu disponibbli d-dokumenti ta' informazzjoni tal-fond.

32. Id-dikjarazzjonijiet kollha inkorporati fil-komunikazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni għandhom ikunu ġustifikati kif xieraq abbażi ta' sorsi oġġettivi u verifikabbli, li għandhom jiġu kkwotati. Barra minn hekk, il-komunikazzjoni għandha toqgħod lura milli tuża kliem

ottimist iżżejjed, bħal "l-aħjar fond" jew "l-aħjar maniġer", kliem li jnaqqas ir-riskji, bħal "investiment sikur" jew "redditi bla sforz", jew kliem li jista' jimplika redditi għoljin, mingħajr spjegazzjoni ċara li redditi għoljin bħal dawn jistgħu ma jintlaħqux u li hemm ir-riskju li jintilef l-investiment kollu jew parti minnu.

33. It-tqabbil tal-fond promoss ma' fondi oħra għandu jkun limitat għal fondi kkaratterizzati minn politika ta' investiment simili u minn profil tar-riskji u tal-gwadanji simili, sakemm id-dokumenti ta' kummerċjalizzazzjoni ma jkunx fihom spjegazzjoni pertinenti dwar id-differenza bejn il-fondi.

34. Kwalunkwe referenza għal dokumenti esterni, bħal analiżi indipendenti ppubblikata minn parti terza, għandha ssemmi tal-anqas is-sors tal-informazzjoni u l-perjodu li għalih tirreferi l-informazzjoni li tinsab fid-dokument estern.

## 6.2 Informazzjoni dwar ir-riskji u l-gwadanji

35. Minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fit-Taqsima 5 t'hawn fuq li jirrigwardaw id-deskrizzjoni tar-riskji u l-gwadanji b'mod ugwalment prominenti, ir-rekwiżiti li ġejjin għandhom jiġu ssodisfati mill-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni meta jinkludu informazzjoni dwar dawn ir-riskji u l-gwadanji.

36. L-iżvelar tal-profil tar-riskju tal-fond promoss f'komunikazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni għandu jirreferi għall-istess klassifikazzjoni tar-riskji bħal dik inkluża fil-KID jew fil-KIID.

37. Il-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni li jsemmu r-riskji u l-gwadanji tax-xiri tal-unitajiet jew tal-ishma tal-fond promoss għandhom jirreferu tal-anqas għar-riskji rilevanti msemmija fil-KID, il-KIID, il-prospett, jew l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 23 tad-Direttiva 2011/61/UE, l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 345/2013 jew l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 346/2013. Dawn il-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni għandhom isemmu wkoll b'mod ċar u prominenti fejn tista' tinstab informazzjoni kompleta dwar ir-riskji.

38. Fil-każ tal-AIFs miftuħa għal investituri fil-livell tal-konsumatur, il-komunikazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni għandha ssemmi b'mod ċar in-natura illikwida tal-investiment fejn dan ikun il-każ.

39. Ir-rappreżentazzjoni ta' klassifikazzjoni f'komunikazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni tista' tkun ibbażata biss fuq fondi simili f'termini ta' politika ta' investiment u ta' profil tar-riskji u tal-gwadanji. Ir-rappreżentazzjoni tal-klassifikazzjoni għandha tinkludi wkoll ir-referenza għall-perjodu rilevanti (tal-anqas 12-il xahar jew il-multiplu tiegħu) u l-klassifikazzjoni tar-riskji tal-fondi.

40. Għal fondi reċentement stabbiliti u li għalihom ma hemmx disponibbli rekords tal-prestazzjoni tal-passat, il-profil tal-gwadanji jista' jkun rappreżentat biss b'referenza għall-prestazzjoni tal-passat tal-parametru referenzjarju jew għar-redditu oġġettiv, meta parametru referenzjarju jew redditu oġġettiv huma previsti fid-dokumenti legali u regolatorji tal-fond promoss.

## 6.3 Informazzjoni dwar l-ispejjeż

41. Meta jirreferu għall-ispejjeż assoċjati max-xiri, iż-żamma, il-konverżjoni jew il-bejgħ ta' unitajiet jew ishma ta' AIF jew unitajiet ta' UCITS, il-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni għandhom jinkludu spjegazzjoni biex jippermettu lill-investituri jifhmu l-impatt ġenerali tal-ispejjeż fuq l-ammont tal-investiment tagħhom u fuq ir-redditi mistennija[3].

42. Fejn kwalunkwe parti mill-ispejjeż totali trid titħallas f'munita, jew tirrappreżenta ammont ta' munita, għajr dik tal-Istat Membru li fih huma residenti l-investituri fil-mira, il-komunikazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni għandha tiddikjara b'mod ċar il-munita inkwistjoni, flimkien ma' twissija li l-ispejjeż jistgħu jiżdiedu jew jonqsu bħala riżultat taċ-ċaqliq fil-munita u fir-rata tal-kambju.

## 6.4 Informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-passat u l-prestazzjoni futura mistennija

*Informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-passat*

43. F'konformità mal-paragrafu 22 t'hawn fuq, meta komunikazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni tirreferi għall-prestazzjoni tal-passat tal-fond promoss, din l-informazzjoni għandha tkun konsistenti mal-prestazzjoni tal-passat inkluża fil-prospett, fl-informazzjoni li għandha tiġi żvelata lill-investituri f'konformità mal-Artikolu 23 tad-Direttiva 2011/61/UE, l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 345/2013 jew l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 346/2013, fil-KID jew fil-KIID. B'mod partikolari, meta l-prestazzjoni titqabbel ma' indiċi ta' parametru referenzjarju fil-prospett, l-informazzjoni li għandha tiġi żvelata lill-investituri f'konformità mal-Artikolu 23 tad-Direttiva 2011/61/UE, l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 345/2013 jew l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 346/2013, il-KID jew il-KIID, l-istess indiċi ta' parametru referenzjarju għandu jservi bħala referenza fil-komunikazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni.

44. L-informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-passat, inkluża l-prestazzjoni tal-passat simulata, ma għandhiex tkun l-informazzjoni prinċipali tal-komunikazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni. Din għandha tkun ibbażata fuq *data* storika. Din għandha ssemmi l-perjodu ta' referenza magħżul għall-kejl tal-prestazzjoni u s-sors tad-*data*. Il-prestazzjoni tal-passat għandha tiġi żvelata għall-10 snin preċedenti fir-rigward ta' fondi li jistabbilixxu KIID, jew għall-5 snin preċedenti fir-rigward ta' fondi oħra, jew għall-perjodu kollu li għalih ġew offruti l-fondi rilevanti jekk anqas minn 10 snin fir-rigward ta' fondi li jistabbilixxu KIID jew anqas minn

[3] Għaċ-ċarezza, japplikaw il-linji gwida eżistenti relatati mal-iżvelar tat-tariffi fuq il-prestazzjoni skont il-"Linji Gwida tal-ESMA dwar tariffi fuq il-prestazzjoni f'UCITS u f'ċerti tipi ta' AIFs" (ESMA34-39-992). Il-paragrafu 46 tal-"Linji Gwida tal-ESMA dwar it-tariffi fuq il-prestazzjoni f'UCITS u f'ċerti tipi ta' AIFs" jipprevedi li "Il-prospett u, jekk rilevanti, kwalunkwe dokument ta' informazzjoni *ex ante* kif ukoll materjal ta' kummerċjalizzazzjoni, għandhom jistabbilixxu b'mod ċar l-informazzjoni kollha meħtieġa biex l-investituri jkunu jistgħu jifhmu sew il-mudell tat-tariffi fuq il-prestazzjoni u l-metodoloġija tal-komputazzjoni. Dawn id-dokumenti għandhom jinkludu deskrizzjoni tal-metodu tal-kalkolu tat-tariffi fuq il-prestazzjoni, b'referenza speċifika għall-parametri u d-data meta titħallas it-tariffa fuq il-prestazzjoni, mingħajr preġudizzju għal rekwiżiti oħra aktar speċifiċi stabbiliti f'leġiżlazzjoni jew f'regolament speċifiku. Il-prospett għandu jinkludi eżempji konkreti dwar kif it-tariffa fuq il-prestazzjoni tiġi kkalkulata biex tipprovdi lill-investituri fehim aħjar tal-mudell tat-tariffi fuq il-prestazzjoni b'mod speċjali meta l-mudell tat-tariffa fuq il-prestazzjoni jippermetti li jitħallsu tariffi fuq il-prestazzjoni anke f'każ ta' prestazzjoni negattiva." Din il-miżura hija speċifika għall-iżvelar tat-tariffi fuq il-prestazzjoni filwaqt li dawn il-linji gwida dwar il-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni huma maħsuba biex jipprovdu gwida dwar il-karattru ġust, ċar u mhux qarrieqi tal-informazzjoni dwar l-ispejjeż li jinsabu f'komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni.

5 snin fir-rigward ta' fondi oħra. F'kull każ, l-informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-passat għandha tkun ibbażata fuq perjodi sħaħ ta' 12-il xahar iżda din l-informazzjoni tista' tiġi supplimentata bil-prestazzjoni għas-sena kurrenti aġġornata fl-aħħar tal-perjodu trimestrali l-aktar reċenti.

45. Kwalunkwe bidla li affettwat b'mod sinifikanti l-prestazzjoni tal-passat tal-fond promoss, bħal bidla fil-maniġer tal-fond, għandha tiġi żvelata b'mod prominenti.

46. Meta qed turi prestazzjoni kumulattiva, il-komunikazzjoni għandha turi wkoll il-prestazzjoni tal-fond għal kull sena tal-perjodu kkunsidrat. Sabiex tintwera b'mod ġust u mhux qarrieqi, il-prestazzjoni kumulattiva tista' tiġi ppreżentata, pereżempju, fil-forma ta' graff.

47. Meta tiġi ppreżentata informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-passat, din l-informazzjoni għandha tkun preċeduta mid-dikjarazzjoni li ġejja:

"*Il-prestazzjoni tal-passat ma tbassarx redditi futuri*".

48. Jekk l-informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-passat tiddependi minn ċifri denominati f'munita għajr dik tal-Istat Membru li fih huma residenti l-investituri fil-mira, il-munita tiġi ddikjarata b'mod ċar, flimkien ma' twissija li tindika li r-redditi jistgħu jiżdiedu jew jonqsu bħala riżultat taċ-ċaqliq fil-munita.

49. Meta l-ebda informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-passat tal-fond promoss ma tkun disponibbli, b'mod partikolari meta jkun twaqqaf reċentement, il-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni għandhom jevitaw l-iżvelar tal-prestazzjoni simulata tal-passat abbażi ta' informazzjoni mhux pertinenti. Għaldaqstant, l-iżvelar ta' prestazzjoni tal-passat simulata għandu jkun limitat għal komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni relatati ma':

   a) Klassi ta' ishma ġdida ta' fond eżistenti jew kompartimenti ta' investiment, fejn il-prestazzjoni tista' tiġi simulata abbażi tal-prestazzjoni ta' klassi ta' ishma oħra, sakemm iż-żewġ klassijiet ta' ishma jkollhom l-istess (jew sostanzjalment l-istess) karatteristiċi; u

   b) Fond ta' alimentazzjoni ġdid li l-prestazzjoni tiegħu tista' tiġi simulata billi tittieħed il-prestazzjoni tal-fond prinċipali tiegħu, sakemm l-istrateġija u l-objettivi tal-alimentatur ma jippermettulux iżomm assi oħra għajr unitajiet tal-fond prinċipali u assi likwidi anċillari, jew li l-karatteristiċi tal-alimentatriċi ma jvarjawx materjalment minn dawk tal-fond prinċipali.

50. L-informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-passat simulata għandha tissodisfa, *mutatis mutandis*, ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 44 sa 49 t'hawn fuq.

*Informazzjoni dwar il-prestazzjoni futura mistennija*

51. Meta komunikazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni tirreferi għall-prestazzjoni futura mistennija u għall-profil tal-gwadanji tal-fond promoss, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti li ġejjin.

52. Il-prestazzjoni futura mistennija għandha tkun ibbażata fuq suppożizzjonijiet raġonevoli sostnuti minn *data* oġġettiva.

53. Il-prestazzjoni futura mistennija tista' tiġi żvelata biss għal kull fond u m'għandha tiġi permessa l-ebda ċifra aggregata.

54. Il-prestazzjoni futura mistennija għandha tiġi żvelata fuq perjodu ta' żmien li jkun konsistenti mal-perjodu ta' investiment rakkomandat tal-fond.

55. Meta tiġi ppreżentata informazzjoni dwar il-prestazzjoni futura mistennija bbażata fuq il-prestazzjoni tal-passat u/jew il-kundizzjonijiet attwali, din l-informazzjoni għandha tiġi preċeduta mid-dikjarazzjoni li ġejja:

"*Ix-xenarji ppreżentati huma stima tal-prestazzjoni futura bbażata fuq evidenza mill-passat dwar kif il-valur ta' dan l-investiment ivarja, u/jew il-kundizzjonijiet attwali tas-suq u mhumiex indikatur eżatt. Dak li tirċievi se jvarja skont il-prestazzjoni tas-suq u skont kemm tibqa' żżomm l-investiment/il-prodott*."

56. Il-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni għandhom jinkludu wkoll tal-anqas ċaħda ta' responsabbiltà skont liema l-prestazzjoni futura tkun soġġetta għal tassazzjoni li tiddependi mis-sitwazzjoni personali ta' kull investitur u li tista' tinbidel fil-futur.

57. L-informazzjoni dwar il-prestazzjoni futura mistennija għandha tinkludi dikjarazzjoni skont liema investiment jista' jwassal għal telf finanzjarju jekk ma jkun hemm l-ebda garanzija fis-seħħ fuq il-kapital.

58. Jekk l-informazzjoni tikkonċerna ETF, il-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni għandhom jindikaw is-swieq regolati fejn il-fond jiġi nnegozjat, u jekk kwalunkwe ċifra dwar il-prestazzjoni futura mistennija tissemma fil-komunikazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni, din għandha tkun ibbażata fuq in-NAV tal-fond.

## 6.5 Informazzjoni dwar aspetti relatati mas-sostenibbiltà

59. Meta komunikazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni tirreferi għall-aspetti relatati mas-sostenibbiltà tal-investiment fil-fond promoss, għandhom jintlaħqu r-rekwiżiti li ġejjin.

60. L-informazzjoni għandha tkun konsistenti mal-informazzjoni inkluża fid-dokumenti legali u regolatorji tal-fond promoss. Minħabba n-natura tal-komunikazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni, fejn rilevanti għandha tiġi inkluża fil-komunikazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni link għas-sit web fejn tiġi pprovduta informazzjoni dwar aspetti relatati mas-sostenibbiltà skont ir-Regolament (UE) 2019/2088 fir-rigward tal-fond promoss.

61. L-informazzjoni dwar l-aspetti relatati mas-sostenibbiltà tal-fond promoss ma għandhiex tkun aktar minn kemm l-istrateġija ta' investiment tal-prodott tintegra l-karatteristiċi jew l-objettivi relatati mas-sostenibbiltà.

62. Meta jirreferu għall-aspetti relatati mas-sostenibbiltà tal-fond promoss, il-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni għandhom jindikaw li d-deċiżjoni għal investiment fil-fond promoss għandha tikkunsidra l-karatteristiċi jew l-objettivi kollha tal-fond promoss kif deskritt fil-prospett tiegħu, jew fl-informazzjoni li għandha tiġi żvelata lill-investituri skont l-Artikolu 23 tad-Direttiva 2011/61/UE, l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 345/2013, l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 346/2013 fejn applikabbli.